اَلْجَنَّةُ تَحْتَ اَقْدَامِ الْاُمَّهَاتِ

“Il-Ġenna tinsab
taħt saqajn ommijietkom.”

# IL-MARA FL-IŻLAM

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

## L-Istat tal-Mara fl-Iżlam

Il-kwistjoni tal-istat tal-mara fl-Iżlam hi waħda li għadha fil-maġġor parti mhix mifhuma sewwa sal-ġurnata tal-lum. Generalment in-nisa Musulmani għadhom meqjusa bħala sottomessi, miċħuda mid-drittijiet tagħhom, u inferjuri għar-raġel. Għall-kuntrarju, l-Iżlam kien l-ewwel reliġjon li ta stat formali lin-nisa. Fil-Koran Imqaddes wieħed isib spjegat mijiet ta' tagħlimiet li japplikaw kemm għar-raġel kif ukoll għall-mara. L-ugwaljanza morali, spiritwali u ekonomika bejn ir-raġel u l-mara kif meqjusa fl-Iżlam hi mingħajr kundizzjoni. L-Iżlam tabilħaqq refa' 'l fuq l-istat tal-mara.

1400 sena ilu, l-Iżlam ta lin-nisa d-drittijiet tagħhom u stat ugwali għal dak tal-irġiel. L-Iżlam għamel min-nisa werrieta tal-propjetà kif ukoll tahom id-dritt tal-wirt. In-nisa Musulmani jistgħu jmorru l-moskea, jieħdu sehem f'pellegrinaġġi, isumu u jagħmlu atti ta' karità.

## L-Istat tal-Mara Qabel l-Iżlam

L-istat tan-nisa qabel l-Iżlam kien jixbah lil dik tal-iskjavi u l-oġġetti li jistgħu jinġarru, jiġifieri bla ebda drittijiet. In-nisa kienu jinbiegħu bħall-kumditajiet ta' kuljum. In-nisa la seta' jkollhom u lanqas setgħu jirtu l-propjetà. Fl-affarijiet tad-dar, la kellhom drittijiet fuq it-tfal u lanqas fuqhom infushom. Jekk kienu jiġu abbużati mill-irġiel tagħhom, ma setgħux jiddivorzjaw. In-nisa ma kellhom ebda stat reali fis-soċjetà. Il-mara ma kienet tgawdi mill-ebda rispett la bħala mara miżżewġa, u lanqas bħala omm jew bint. Il-bniet kienu jindifnu ħajja sempliċement għax kienu kkonsidrati bħala saħta għall-familja. In-nisa ma kienu jingħataw ebda edukazzjoni jew ftit li xejn, u ma kellhom l-ebda importanza f'dawk li huma ħwejjeġ reliġjużi għax kienu meqjusa bħala limitati spiritwalment u intellettwalment.

## L-Istat Spiritwali tal-Mara fl-Iżlam

L-Iżlam irregala lill-mara l-istess kapaċità spiritwali bħar-raġel, u insista li bil-ħila tagħha l-mara tista' tikseb l-istess fejdiet spiritwali. Il-Koran Imqaddes jgħid:

"Min jagħmel il-ġid, raġel jew mara, u jemmen, dawk jidħlu l-Ġenna u fiha jingħataw ġid bla qies". (Il-Koran, 40:41)

"Tassew li l-irġiel ubbidjenti u n-nisa ubbidjenti, u l-irġiel li jemmnu u n-nisa li jemmnu, u l-irġiel li jobdu u n-nisa li jobdu, u l-irġiel onesti u n-nisa onesti, u l-irġiel li jistabru u n-nisa li jistabru, u l-irġiel umli u n-nisa umli, u l-irġiel li jagħtu karità u n-nisa li jagħtu karità , u l-irġiel li jsumu u n-nisa li jsumu, u l-irġiel li jħarsu l-kastità u n-nisa li jħarsu l-kastità, u l-irġiel li jfaħħru 'l Alla u n-nisa li jfaħħru 'l Alla, Alla ħejja għalihom kollha l-maħfra u premju mill-aqwa." (Il-Koran, 33:36)

## L-Istat Intellettwali tal-Mara fl-Iżlam

"O Sidi, kabbarni fl-għerf." (Il-Koran, 20:115)

L-Iżlam joffri l-istess opportunitajiet għan-nisa u l-irġiel għall-kisba tal-għerf. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] talab bil-ħerqa lit-tnejn biex "ifittxu l-għerf mill-fisqija sal-qabar", u saħaq fuq l-edukazzjoni obbligatorja għat-tnejn, u qal:

> "In-nisa u l-irġiel Musulmani huma fid-dmir li jikbru fl-għerf."[1]

## L-Istat Ekonomiku tal-Mara fl-Iżlam

L-Iżlam kien minn tal-ewwel li ta lill-mara pożizzjoni ta' indipendenza ekonomika. Kull propjetà li l-mara tista' tikseb b'ħilitha, jew li tista' tiret kemm bħala werrieta jew bħala rigal, tappartjeni għaliha indipendentement minn żewġha. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> "L-Irġiel għandu jkollhom sehem minn dak li kisbu, u n-nisa għandu jkollhom sehem minn dak li kisbu." (Il-Koran, 4:33)

L-Iżlam ta lin-nisa wkoll id-dritt tal-wirt. Il-mara hi intitolata għall-wirt mill-mewt kemm bħala mara miżżewġa, bħala bint, omm jew oħt.

> "Għall-irġiel hemm sehem minn dak li jħallu

l-ġenituri u l-qraba, u għan-nisa hemm sehem minn dak li jħallu l-ġenituri u l-qraba." (Il-Koran, 4:8)

## Il-Mara Bħala Omm

Fl-irwol tagħha ta' omm, l-Iżlam jagħti lill-mara l-ogħla stat soċjali, għax fl-Iżlam l-omm hi meqjuma ħafna aktar minn individwi oħrajn. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jgħid:

**"Il-Ġenna tinsab taħt saqajn ommijietkom."**[2]

Il-Koran Imqaddes ripetutament jordna lill-Musulmani biex jieħdu ħsieb tal-ġenituri tagħhom, u b'mod partikolari l-omm. Alla jgħid: "U aħna amarna lill-bniedem biex ikun ħanin mal-ġenituri tiegħu." (Il-Koran, 46:16)

Sidek amar, "Taduraw lil ħadd Ħliefu, u uru tjieba lejn il-ġenituri. Jekk xi ħadd minnhom, jew it-tnejn li huma, jixjieħu miegħek, qatt tgħidilhom kliem iebes jew ta' stmerrija, iżda indirizzahom bil-ħlewwa. U b'umiltà u tenerezza itlob: "Sidi, ħenn għalihom bħalma rabbewni meta kont żgħir." (Il-Koran, 17:24-25)

Darba waħda dixxiplu tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] staqsieh "Min hu intitolat għal trattament ħanin u ħbiberija sinċiera mingħandi? Il-Profeta wieġeb: "Ommok." Id-dixxiplu mbagħad staqsieh: "U warajha?" Il-Profeta wieġeb: "Ommok." Id-dixxiplu mbagħad staqsa l-istess mistoqsija għat-tielet darba bil-Profeta jerġa' jagħti l-istess tweġiba. Meta mbagħad id-dixxiplu tenna l-istess mistoqsija għar-raba' darba, il-Profeta qal, "Missierek u wara l-qraba l-iktar qrib."[3]

## Il-Mara Bħala Bint

Il-prattika ta' qabel l-Iżlam tal-qtil tal-bniet appena jitwieldu minħabba l-biża' tal-umiljazzjoni ġiet skartata kompletament mill-Iżlam. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> "U meta t-tifla tkun midfuna ħajja għandna nsaqsu, 'Għal liema reat kienet maqtula?'" (Il-Koran, 81:9-10)

L-Iżlam jgħallem li missier irid irabbi lill-bniet tiegħu bl-

istess mod li jrabbi lil uliedu subien. Intant, min irabbi sew lil bintu jkun qed jiftaħ il-bibien tal-ġenna. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal:

> “Dak li jrabbi lil uliedu l-bniet bi mħabba jidher f’jum il-Ġudizzju mwaħħad miegħi bħal żewġt iswaba’ ta’ id.”[4]

> “Dak li għandu tifla u la jidfinha ħajja u lanqas jumiljaha, u lanqas ma jagħti prijorità lil ibnu fuqha, Alla jagħtih il-Ġenna.”[5]

Għaldaqstant huwa ċar li l-Iżlam għolla l-istat tat-tifla minn dak ta’ waħda mistkerrha u mhux aċċettata għal dak ta’ waħda maħbuba u mimlija bl-għożża.

## Il-Mara Bħala Miżżewġa

Il-mara fl-Iżlam għandha stat qawwi wkoll bħala waħda miżżewġa. Fl-Iżlam, għall-mara, hemm sewwasew l-istess drittijiet bħalma hemm għar-raġel, bħalma r-raġel għandu fuq il-mara. Teżisti ugwaljanza totali u m’hemm assolutament l-ebda differenza bejn id-drittijiet fundamentali tan-nisa u tal-irġiel. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> “U huma (in-nisa) għandhom drittijiet simili u ugwali għal dawk (tal-irġiel) fl-ekwità.” (Il-Koran, 2:229)

> “Ġibu ruħkom magħhom (man-nisa) bi tjieba; u jekk tobogħduhom, jista’ jkun li tobogħdu xi ħaġa li Alla qiegħed fiha ġid kbir.” (Il-Koran, 4:20)

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal:

> “L-iktar perfett fost dawk li jemmnu fl-affarijiet tal-fidi hu dak li l-imġiba tiegħu hi l-aqwa, u l-aqwa fostkom huma dawk li jġibu ruħhom l-aħjar man-nisa tagħhom.”[6]

> “Tippermettu l-ebda Musulman iġib ruħu bi ħdura lejn mara Musulmana. F’każ li ma jogħġbux xi ħaġa fiha, għandu jsib xi ħaġa oħra li togħġbu.”[7]

---

### Referenzi


1. *Ibni Majah, Bab Fazlul-‘Ulama’*
2. *Nisai, Kitabul-Jihad*
3. *Bukhari Kitabul-Adab / Muslim Kitabul-Birr Was-silah, Hadith Nu. 4607*
4. *Muslim, Kitabul-Birr Was-silah, Hadith 4751*
5. *Musnad Aħmad, v.1, p.223*
6. *Tirmidhi, Kitabun-Nikah*
7. *Muslim, Kitabun-Nikah*
8. *Ibni Ħisham, Khutba Hajatul-Wida*


**Kitba: Laiq Ahmed Atif**

## L-AHĦAR TAĦDITA TAL-QADDIS PROFETA[SA]

Fl-aħħar taħdita tiegħu fl-okkażjoni tal-pellegrinaġġ lejn Mekka, magħruf fl-istorja bħala l-Aħħar Taħdita tal-Profeta[sa], quddiem folla mdaqqsa ta' Musulmani, hu qal:

"O rġiel, intom għandkom xi drittijiet fuq in-nisa tagħkom, iżda huma għandhom ukoll xi drittijiet fuqkom. Id-dritt tagħkom fuqhom hu dak li huma jridu jgħixu ħajja kasta, u mhux ħajja li tista' tħammar wiċċ ir-raġel tagħhom f'għajnejn in-nies. Iżda jekk il-ħajja tan-nisa tagħkom tkun tali li ma tħammrilkomx wiċċkom, intom għandkom id-dmir li tipprovdulhom l-ikel, il-ħwejjeġ u l-kenn skont il-livell tal-għajxien tagħkom.

Ftakru, dejjem għandkom tittrattaw in-nisa tagħkom sew. Alla fdakom bl-obbligu li tieħdu ħsiebhom. Il-mara hi dgħajfa u ma tistax taqbeż għad-drittijiet tagħha. Meta żżewwiġtu, Alla fdakom bir-responsabbiltà li tħarsu dawn id-drittijiet. Intom ħadtuhom magħkom id-dar skont il-liġi ta' Alla. Ma tistgħux, għalhekk, tabbużaw minn din il-fiduċja li Alla għoġbu jafda f'idejkom."[8]

**Lealtà - Ħelsien - Rispett - Ugwaljanza - Paċi**

# IMĦABBA GĦAL KULĦADD MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

**"Woman in Islam"**

in Maltese Language

First Published in Malta (2013)
AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA
Mob: +356-79320139 • Tel: +356-27342401
Tel: +356-21322105 • Fax: +356-27322105
Email: amjmalta@gmail.com
www.ahmadija.org.mt • www.ahmadiyyamalta.org